MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2011

Numru. 1357/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD SPITERI**
**KONTRA**

**ALAN GATT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Alan Gatt ta’ 34 sena, bin Albert u Thereza nee’ Grima, mwieled Pieta’ nhar is- 26 ta’ April 1976, residenti 28, Flat 4, Jesmond Court, St. Joseph Street, Pieta’ u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 239776M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli minn gewwa l- istabbiliment li jgib l- isem Sound Machine li jinsab Triq Salvu Psaila, B’ Kara nhar id- 9 ta’ Dicembru 2010 ghal habta tal- 10.30am;

1) ikkommetta serq ta’ laptop tal- ghamla Samsung li l- valur tieghu jaqbez il- €233 izda ma jabqbizx l- €2, 329.37) ghad- dannu ta’ Roberto Silvio;

Aktar talli f’ dawn il- Gzejjer nhar l- Erbgha 9 ta’ Dicembru 2010 f’ xi hin matul il- gurnata u fil- granet ta’ qabel gewwa l- Gzejjer Maltin;

2) forna jew iprokura jew offra li jforni jew li jiprokura droga kokajina specifikata fl- ewwel skeda tal- Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta’ Malta lill- persuna jew persuni ghall uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill- President ta’ Malta, minghajr ma kien awtorizzat mir- regoli ta’ 1939 ghall-kontroll Intern tad- drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn x’ awtorita’ mghotija mill- President ta’ Malta li tforni droga u minghajr ma kien fil- pussess ta’ awtorizazzjoni ghall- importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principal ital- Gvern skond id- disposizzjonijiet ta’ sitt taqsima tal- Ordinanza msemmija u minghajr ma’ kellu licenzja jew xort ohra awtortizzat li jimmanefettura jew iforni droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jiprokura l- istess droga u dan bi ksur tar- regolament 4 ta’ 1939 ghall- kontroll intern ta’ drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal- Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi Kapitoli 101 tal- Ligijiet ta’ Malta;

3) aktar talli kellu fil- pussess tieghu d- droga kokajina specifikata fl- ewwel skeda tal- Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil- pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principal ital- Gvern skond disposizzjonijiet tar- 4 u s- 6 Taqsima tal- Ordninanza u meta ma kienx bil- licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d- droga

msemmija meta' ma kienx b' xi mod iehor bil- licenzja mill-Presidenti ta' Malta li jkollu d- droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d- droga msemmija giet fornuta lilu ghall uzu tieghu skond ir- ricotta kif provdut fir- regolamenti msemmija u dan bi ksur tar- regolament 8 tan- 1939 dwar il- Kontroll Intern tad- Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal- Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga kienet fil- pussess taghhom meta din id- droga ma kienitx ghal uzu esklussiv tieghu;

4) kiser ordni tal- Qorti li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin b' sentenza moghtija nhar il- 21 ta' Frar 2008 mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) liema sentenza hija definittiva u ma tistax tindbidel;

5) aktar talli ghamel delitt f' perjodu operattiv b' sentenza sospiza minghajr nha it- 23 ta' Novembru 2007, moghtija mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) liema sentenza giet estiza nhar il- 21 ta' Frar 2008 moghtija mill- istess Qorti tal- Magistrati;

6) talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta, billi hu kien gie misjub hati b' sentenzi tal- Qorti ta' Malta li saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi l-hames imputazzjoni, dik ta' ksur ta' sentenza sospiza, gia' giet ittrattata minn din il-Qorti diversament

presjeduta f'sentenza ohra precedenti, u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali li permezz taghha, ai termini tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti setghet tisma' l-kawza sommarjament;

Rat illi, bl-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, u ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi ghas-sentenza u tikkonsidra l-piena idoneja ghal dan ir-reat. Huwa car u manifest li l-imputat ghandu problema ta' abbuz minn u dipendenza fuq id-droga, u din il-problema qed twasslu li jaghmel dawn ir-reati kontra s-socjeta' u t-tgawdija tal-proprjeta' privata. Mil-fedina penali tal-imputat, jidher li din m'hix l-ewwel darba li hu inghata sentenza mil-Qorti, anke jekk inghata kundanna jew opportunita' jeghleb din il-problema. Ghalhekk il-Qorti hi mhassba hafna dwar x'tip ta' piena ghandu jinghata l-imputat. Din l-istess Qorti Gia' kienet ikkundannatu ghal piena ta' prigunerija f'sentenza precedenti, u llum qed tigi rinfaccata bl-istess persuna li kkommettiet l-istess tip ta' reat. Jidher, ghalhekk, li l-piena ta' prigunerija xejn ma swietu lill-imputat.

Il-Qorti ghalhekk kellha l-okkazjoni li tisma' lill-Ufficjal tal-Probation taghti l-fehmiet taghha fuq l-imputat, kif ukoll semghet lill-Ufficjal tal-Caritas li ukoll tat il-fehmiet taghha dwar l-ahjar trattament li ghandu jinghata l-imputat. Huwa proprju minhabba f'dawn il-fehmiet ta' dawn l-ufficjali li l-Qorti m'hix sejra taghti piena ohra karcerarja lill-imputat, izda minflok, sejra taghtih sanzjoni fil-komunita' ai termini tal-Kap 446, bl-isperanza li din tkun effettiva bizzejjed biex jeghleb il-vizzju tal-abbuz tad-droga li hu ghandu fil-present.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat ir- Regolamenti 4 ta’ 1939 G.N. 292/1939 tal-Kap 101, 8 ta’ 1939 G.N. 292/1939 u l- Artikoli 49, 50 u 289, 261, 267 u 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna li l-imputat jitqieghed taht ordni ta’ probation ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal tlett (3) snin.

Il- Qorti qed tirrakomanda illi l- imputat jinzamm fid- Dual Diagnosis Unit fl- isptar Monte Carmeli sa kemm jibda program ta’ re-abilitazzjoni mal- agenzija Caritas.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------